**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 7 / 2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jimmy Piscopo**

Illum 4 ta' Settembru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Jimmy Piscopo detentur tal-karta tal-identita' Maltija 25780(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> *"... nhar il-Ħadd, 3 ta' Jannar 2021 għal ħabta tad-10:30hrs, fi Triq Gedrin, Rabat, Għawdex;*
>
> *1. Soqt vettura ta' għamla ISUZU RODEO bi numru ta' reġistrazzjoni ABX915 b'manjiera traskurata, perikoluża w nuqqas ta' attenzjoni.*

*2. Ukoll talli b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni, u/jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajt offiża gravi fuq il-persuna ta' HANNAFORD, JONATHAN - ID Card: 0062288M mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9, skond kif ġie ċċertifikat minn Dr. Jonathan Sammut MD tal-Sptar Ġenerali t'Għawdex.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tissospendi l-liċenzja tas-sewqan ta'* ***JIMMY PISCOPO*** *sa żmien li jidhrilha li huwa xieraq."*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' April, 2023, fejn il-Qorti:

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qieset li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq esposti, wara li rat l-artikoli 226(1) (b) tal-Kap 9 u l-artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Jimmy Piscopo ħati tal-imputazzjonijiet kollha kontra tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa komplessiva ta' elf u ħames mitt Ewro (EUR 1,500) filwaqt li ai termini tal- artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta skwalifikat lill-ħati milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jimmy Piscopo, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Mejju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

> 'Għal dawn ir-raġunijiet kollha, filwaqt li jagħmel referenza għall-provi kollha prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u jirriżerva li jressaq provi ulterjuri skont il-liġi, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. In linja prinċipali tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' April 2023 fl-ismijiet premessi billi minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija;

ii. In linja sussidjarja, biss jekk l-ewwel aggravju ma jintlaqax fl-intier tiegħu, tvarja dik is-sentenza billi tiddikjara li l-esponenti kien ħati ta' sewqan negliġenti biss, u għalhekk tħassarha f'dik il-parti fejn il-liċenzja tas-sewqan tiegħu ġiet sospiża għal perjodu ta' tliet xhur, u tvarjaha f'dik il-parti fejn huwa ġie mmultat elf u ħames mitt euro (€1,500) u minflok timponi fuqu piena ferm inqas u iktar kommensurata maċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.'

Rat l-aggravji tal-appellant Jimmy Piscopo li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

Fit-3 ta' Jannar 2021, l-esponenti kien qed isuq il-vettura tiegħu ABX915 fir-Rabat Għawdex mid-direzzjoni tal-Oratorju ta' Don Bosco, fi Pjazza Santu Wistin, Victoria lejn id-direzzjoni ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu II. F'mument minnhom huwa wasal fuq l-inkroċju bejn Triq Kerċem, Triq Gedrin, u Triq id-Dawwara, fejn hemm mini roundabout impittra fl-art. Hemmhekk huwa naqqas il-veloċità tiegħu sakemm kien kważi wieqaf u peress li hemmhekk hemm biss "give-way sign" u mhux "stop sign" meta ma ra lil ħadd ġej min-naħa tax-xellug tiegħu, ħareġ għal fuq ir-roundabout.

Ġara li kif appena ġie biex jaqbeż ir-roundabout, l-esponenti ra xi nies ħdejn iż-zebra crossing li hemm ftit metri iktar 'il fuq, u peress li ma kienx ċert x'kienet l-intenzjoni ta' dawk in-nies, u ma setax jeskludi li dawn kienu ser jaqsmu minn fuq iż-zebra crossing huwa kważi waqaf sabiex jara x'ser jagħmlu dawn it-talin. Kif appena aċċerta ruħu li ż-zebra crossing ma kinitx ser tintuża huwa kompla jsuq meta, f'dak il-mument, il-parti ċivili ħareġ minn fuq il-ġenb tax-xellug tiegħu.

Ġara impatt, li fil-verità ma kien impatt xejn għaliex li ġara kien li l-mutur ta' Hannaford mess kemmxejn mal-parti ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-esponenti u qaċċat in-number plate minn postha. Bil-momentum tiegħu stess, il-mutur misjuq minn Hannaford spiċċa ħabat mal-kantuniera jew aħjar mal-kantina u kanna faċċata tat-triq li minnha kien ġej oriġinarjament u per konsegwenza ta' hekk, Hannaford sfortunatament sofra feriti ta' natura gravi.

L-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti, fl-ewwel lok, fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi miġjuba quddiemha u applikat b'mod skorrett il-prinċipji legali li jirregolaw is-sewqan.

Fit-tieni lok, u interament mingħajr preġudizzju għall-premess, anki jekk, kontra l-konvinzjoni tiegħu, din l-Onorabbli Qorti tasal sabiex issib xi ħtija fih, il-grad ta' ħtija tiegħu għandu neċessarjament ikun minimu. Għalhekk isegwi li l-piena inflitta fuqu hija ħarxa wisq.

Fi tmiem ir-rassenja tal-ġurisprudenza tal-qrati nostrani, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li:

*Il-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-feriti gravi li ssubixxa l-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li ttraskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct.*

Madankollu, meta mbagħad ġiet biex tevalwa l-provi miġjuba quddiemha dik l-istess Qorti wiżnet dawk il-provi b'miżen li ma jirriflettix dan il-prinċipju.

Il-Qorti esprimiet il-kunsiderazzjonijiet li wassluha għall-konklużjoni tagħha kif ġej:

*[Hannaford] sostna li huwa kien waqaf fuq il-give way sign izda imbaghad hareg ghax ma kienet gejja l-ebda vettura izda f'daqqa wahda tfaccat il-vettura misjuqa mill-imputat li kienet misjuqa b'velocita' u spicca mtajjar.*

*...*

*Minn dak li jirrizulta mill-iskizz kif ukoll mir-ritratti ezebiti bhala DokAB1 sa Dok AB5, din il-Qorti tqies li huwa inverosimili li l-imputat waqaf fejn indika huwa bl-ittra X fuq Dok AB1 biex minn hemmhekk allegatament jivverifika jekk il-persuni li kien hemm qrib iz-zebra-crossing iktar 'il quddiem kinux ser jaqsmu jew le. In fatti, jekk wiehed iqies ir-ritratti ezebiti bhala AB2, tidher din iz-zebracrossing. Huwa inverosimili li l-imputat isslowja bil-mod li qal, hekk f'nofs tat-triq minn pozizzjoni li ma kinitix daqstant vicina ghaz-zebra crossing.*
*...*

*Din il-Qorti qieset li kif jidhru indikati fuq l-iskizz u kif ukoll fuq ir-ritratt Dok AB1, huwa iktar verosimili l-verjoni moghtija minn Hannaford fis-sens li huwa hareg minn fuq il-give way sign sabiex jdur mar-roundabout, u f'daqqa wahda jsib ma' wiccu lil vettura ta' l-imputat li baqghet ghaddejja minn fuq ir-roundabout impittra ma' l-art. Minn kif tidher ippozizzjonata l-vettura misjuqa mill-imputat f'Dok AB 1, AB2 u AB3 jidher li l-vettura ta' l-imputata ghaddiet minn fuq ir-roundabout u mhux daret mar-roundabout hekk kif qed jallega l-imputat. In oltre, meta jigi kkunsidrat l-point of impact kemm mir-ritratti ezebit bhala Dok AB1 u mill-iskizz ipprezentat, jirrizulta li l-point of impact huwa fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa mill-imputat u jikkonferma li l-vettura misjuqa mill-imputat baqghet ghaddejja minn fuq ir-roundabout impittra fl-art.*
*...*

*Ghalkemm, il-Qorti ma tqisx li mill-atti processwali, jirrizulta li l-imputat kien qed isuq b'xi velocita' eccessiva, jibqa' l-fatt li speed jista' jkun eccessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument …*

*Mill-banda l-ohra, din il-qorti qieset ukoll li ma kienx hemm l-ebda sinjali ta' brakemarks. Qieset li l-hsarat fuq il-vettura ta' l-imputat kienu minimi fejn l-istess vettura spiccat bla*

*pjanca ta' registrazzjoni (vide xhieda ta' l-imputat u ritratti ezebiti Dok AB1 sa Dok AB5). Qieset ukoll fejn spicca l-mutur misjuq minn Hannaford wara l-istess kollizzjoni. Qieset li l-give way sign li minnha hareg l-imputat tinsab f'distanza ferm itwal mill-point of impact mill-give way sign li minnha hareg Hannaford. Hannaford kellu wkoll l-obbligu li qabel ma' johrog minn fuq il-give way sign, jaccerta ruhu li jivverfika li ma kien hemm l-ebda vettura li tkun gia' harget minn fuq il-give way signs l-ohra li hemm fl-istess ambjenti. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tqies li ghalkemm l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghal dak li sehh, dan l-incident seta' jigi wkoll evitat li kieku Hannaford zamm a proper look out qabel ma' hareg minn fuq il-give way sign.*

*...*

*In-nuqqas ta' brakemarks jikkorraboraw il-verzjoni moghtija mill-imputat a tempo vergine fejn dan sostna li huwa fl-ebda hin ma ra l-mutur gej tant li lanqas jaf minn fejn kien gej l-istess mutur. Dan ma rax il-mutur nonostante li dan kien in plain view sight tieghu u ghalhekk ma ghafasx il-brakes bil-konsegwenza li anke wara li sehh l-impatt, il-vettura baqghet tinstaq u waqfet ftit 'il boghod mill-point of impact. Is-sewwieq ma rax dak li kellu jkun facilment vizibbli ghalih u ghalhekk ma kienx qieghed izomm a proper look-out. Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".*

L-appellant issottometta bir-rispett li dan l-apprezzament jinkludi diversi skorrettezzi. Fl-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li l-mod kif spiċċat ippożizzjonata l-vettura tal-esponenti jagħmilha inverosimili li l-esponenti verament dar mar-roundabout imma minflok huwa għadda minn fuq. Bir-rispett kollu, dan mhuwiex korrett.

Ir-roundabout li tidher fir-ritratti AB1 sa AB5 juru biċ-ċar li r-roundabout inkwistjoni hija fil-fatt **mini roundabout –** id-diametru tagħha huwa press'a'poco l-istess wisa' tal-karozza tal-pulizija li tidher f'ritratt minnhom kważi maġenb ir-roundabout. Dan ifisser li d-dijametru tar-roundabout huwa ta' madwar metru u nofs. Minn dan isegwi li ma kienx meħtieġ wisq sterzjar sabiex l-esponenti seta' jdur magħha. Isegwi wkoll li l-vettura tal-esponenti kienet imxiet distanza suffiċjenti mill-punt li fih hija ħalliet ir-roundabout sa fejn tidher wieqfa fir-ritratti sabiex huwa jkun laħaq kważi ddrittaha. U finalment, ma jistax raġonevolment jingħad li r-ritratti juru li l-vettura tal-esponenti kienet linja kompletament paralleli għall-ħajt tal-ġenb tat-triq. Ċertament li ma jistax

jingħad li dawk ir-ritratti juru lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-vettura tal-esponenti kienet qed tinstaq linja dritta minn fuq ir-roundabout. U lanqas ma jista' jingħad li r-ritratti jirrendu "inverosimili" li l-esponenti saq il-vettura tiegħu bi ksur tar-regolament tat-traffiku li jobbliga lis-sewwieqa jduru mar-roundabout.

Fit-tieni lok, il-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li l-esponenti kien qed isuq il-vettura tiegħu b'veloċità li, għalkemm kienet inqas minn dik massima permissibbli f'*built up areas,* xorta waħda kienet tiskorri dik iddettata mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument hija wkoll inġustifikata. Il-fatt li l-esponenti ma kienx isuq b'veloċità ogħla minn dik iddettata mill-prudenza huwa pprovat mill-ħsarat, jew aħjar min-nuqqas tal-ħsarat li sofriet il-vettura tiegħu bl-inċident. Huwa paċifiku u inkontestat li l-unika ħsara kienet tikkonsisti fit-tqaċċit tan-number plate ta' dik il-vettura u xejn iktar. Lanqas barxa waħda fuq il-mudguard. Mhux biss huwa inverosimili imma wkoll impossibbli li vettura għaddejja b'veloċità iktar minn *dead slow* taħbat ma' vettura oħra, speċjalment mutur, u li dak il-mutur jittraversa l-wisa' kollha tal-vettura mingħajr ma jikkaġuna lanqas barxa żgħira fuqha. Huwa rilevanti wkoll il-fatt li l-mutur innifsu ma sofra l-ebda ħsara bl-impatt mal-vettura tal-esponenti.

Dan jista' jfisser biss li l-veloċità tal-mutur kienet ferm ogħla minn dik tal-vettura tal-esponenti għaliex Hannaford laħaq ittraversa l-wisa' kollha tal-vettura tal-esponenti qabel ma dik il-vettura mxiet il-ftit ċentimetri li, kieku imxiethom, kien ifisser li l-bumper ta' quddiem tagħha kien b'xi mod imiss mal-mutur b'saħħa suffiċjenti sabiex jiġi ddanneġġjat.

Issa, jekk Hannaford jitwemmen meta jgħid li huwa waqaf kompletament qabel ma ħareġ minn fuq il-*give-way sign* u li allura l-veloċità tiegħu ma kinitx għolja, isegwi li dak li jgħid l-esponenti li huwa kien bil-kemm jiċċaqlaq fil-mument tal-impatt huwa l-verità.

Fit-tielet lok, kif korrettament irrimarkat l-Ewwel Onorabbli Qorti, id-distanza għall-punt tal-impatt mill-*give-way sign* li ħareġ minnha l-esponenti hija ferm iktar minn dik

mill-*give-way sign* li minnha ħareġ Hannaford. Allura jekk Hannaford ma ra lil ħadd ġej minn fuq ix-xellug tiegħu qabel ma ħareġ, dan ifisser li ma kien ikun hemm l-ebda impatt ħlief jekk l-esponenti kien qed isuq b'veloċità ferm ogħla minn ta' Hannaford. Imma l-Ewwel Qorti nnifisha rrikonoxxiet li dan ma setax kien il-każ. U effettivament dan ix-xenarju huwa inkompatibbli kemm man-nuqqas ta' ħsara fiż-żewġ vetturi kkaġunata bl-impatt bejniethom kif ukoll bil-fatt li l-vettura tal-esponenti waqfet f'distanza ta' tul ta' karrozza mill-impatt mingħajr ma ħalliet l-iċken sinjal ta' brakemark. L-esponenti jinnota wkoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonfermat li wara l-inċident, il-vettura waqfet preċiżament kif tidher fir-ritratti AB1 sa AB5 u għalhekk neċessarjament skartat il-verżjoni mogħtija minn Hannaford fis-sens li wara l-inċident, l-esponenti saq il-karrozza tiegħu iktar 'il quddiem imbagħad irriversjaha sakemm waqqafha kif tidher fir-ritratt. Punt importanti li jidher li ħarab l-attenzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward, però, huwa dak li dan neċessarjament jiskredita dak kollu li qal Hannaford dwar id-dinamika li wasslet għall-inċident mertu tal-kawża. Mhuwiex possibbli li l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni ma jitwemminx fuq punt daqstant kruċjali, imbagħad il-verżjoni tiegħu tiġi kkunsidrata daqstant kredibbli li abbażi ta' dik il-verżjoni tinstab ħtija fil-persuna akkużata.

Il-Qorti qalet ukoll li kien inverosimili li l-esponenti reġa' kważi waqqaf il-vettura tiegħu proprju fil-punt indikat minnu għaliex f'dak il-mument huwa kien għadu mbiegħed miż-zebra crossing. Bir-rispett kollu dovut, ma hemm xejn li jista' jiġġustifika din il-konklużjoni. Ir-ritratti AB1 sa AB5 juru li f'dak il-punt, il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-esponenti kienet press'a'poco tul tal-vettura nnifisha bogħod minn fejn tibda ż-zebra crossing. Infatti r-ritratti juru li l-vettura spiċċat bir-roti ta' quddiem tagħha eżattament fuq iż-zebra crossing mentri l-mudguard ta' wara huwa eżattament fuq ir-riħ ta' fejn l-esponenti jsostni li kien meta seħħ l-impatt. Il-prudenza u ċ-ċirkustanzi kienu jiddettaw li huwa jieqaf bil-galbu f'dak il-punt, u mhux jibqa' jsuq bħallikieku ma kien hemm ħadd qrib iż-zebra crossing biex imbagħad jibbrejkja bruskament kif jasal fuq iż-zebra crossing.

Finalment, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li għandha tinstab ħtija fl-esponenti għaliex huwa naqas milli jara dak li kien *in plain sight*. Madankollu, din il-konklużjoni

hija bbażata fuq il-premessa li l-esponenti wasal fuq ir-roundabat kważi kontemporanjament mal-parti l-oħra, li huwa saq bi dritt minn fuq ir-roundabout, li huwa kien qed isuq b'veloċità ogħla minn dik iddettata mill-prudenza fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u li għalhekk huwa seta' jara lill-vetturi oħra li setgħu kienu ġejjin minn fuq ix-xellug tiegħu. Huwa sottomess bir-rispett li l-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq juru li, talinqas fuq bażi ta' probabbiltà, id-dinamika tal-inċident ma setgħetx kienet bil-mod hekk deskritt.

Ċertament li ma jistax jitqies li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raġuni li d-dinamika tal-inċident ma kinitx dik mogħtija mill-esponenti: li huwa wasal fuq ir-roundabout ferm qabel il-mutur, naqqas il-veloċità għal kważi wieqaf qabel ma ħareġ minn fuq il-*give-way sign,* dar mal-mini roundabout kif suppost għamel, kif wasal biex jaqbad Triq Gedrin ra lill-mara u t-tfal fil-viċinanzi taż-zebra crossing u għalhekk reġa' naqqas il-veloċità tiegħu. F'dak il-mument, il-*give-way sign* fid-direzzjoni minn Kerċem lejn ir-Rabat kienet diġà fuq in-naħa tax-xellug tal-esponenti imma iktar lura minnu u għalhekk l-esponenti ma setax jara lill-mutur anki jekk għal ħaddieħor li kellu viżwali differenti, dan il-mutur kien *in plain sight.* Huwa sottomess li ma jistax raġonevolment jiġi mistenni minnu li qabel ma huwa mbagħad jerġa' jibda jsuq idawwar rasu iktar minn disgħin grad lejn ix-xellug tiegħu biex jara jekk hux ġej xi ħadd minn fuq il-*give-way sign* li ser jibqa' ħiereġ qisu ma kien xejn minkejja li l-vettura tal-esponenti mhux biss diġà kienet fuq ir-roundabout imma kienet saħansitra ħierġa jew addirittura ħarġet minn fuq ir-roundabout.

Jekk Hannaford ġie ingannat mill-fatt li l-vettura tal-esponenti kienet kważi stazzjonarja, u ħaseb li huwa seta' jiżgiċċa minn quddiem dik il-vettura mingħajr ma kkunsidra li dik il-vettura setgħet timxi 'l quddiem minn mument għall-ieħor meta innegabbilment dik il-vettura kienet diġà f'punt li kważi ħarġet jekk mhux addirittura ħarġet minn fuq ir-roundabout, kien huwa li għamel manuvra ferm azzardata u riskjuża għalih innifsu, u ma jistax ikun li l-esponenti jiġi mgħobbi bir-responsabbiltà għall-inċident meta ma kienx huwa li wassal biex seħħ dan l-inċident.

Huwa minnu li l-Ewwel Onorabbli Qorti apprezzat li l-manuvra ta' Hannaford kienet fiha nnifisha waħda azzardata u rrikonoxxiet li dan ikkontribwixxa għall-inċident bis-sewqan traskurat tiegħu. L-esponenti jmur iktar minn hekk u jsostni li l-konklużjoni kellha tkun li l-inċident seħħ unikament tort u ħtija ta' Hannaford u ta' ħadd iktar.

It-tieni aggravju qiegħed jiġi dedott b'mod sussidjarju biss. L-esponenti huwa konvint li ma għandhiex tinsab ħtija fih. Imma anki jekk għall-grazzja tal-argument, tinstab xi ħtija, il-piena inflitta fuqu hija ħarxa żżejjed.

F'dan ir-rigward l-appellanti ssottometta li bl-ebda lenti ma jista' jitqies li s-sewqan tiegħu kien wieħed perikoluż, u l-iktar li jista' jiġi konkluż huwa li huwa kien xi ftit negliġenti u bniedem idejali, bi prudenza ogħla minn normal kien juża attenzjoni ikbar dwar dak li kien qed jiġri fuq ix-xellug u iktar lura minnu. Imma, anki jekk jiġi konkluż hekk, ma huwiex iġġustifikat li l-esponenti jiġi mmultat elf u ħames mitt euro (€1,500) u agħar minn hekk ikollu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu sospiża għal tliet xhur.

F'ċirkustanzi ta' sempliċi sewqan negliġenti ma huwiex leċitu li l-liċenzja tas-sewqan tiġi sospiża. L-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 jipprovdi li huwa biss fejn is-sewqan ikun "bi traskuraġni kbira jew mod perikoluż" li l-liċenzja tas-sewqan tkun tista' tiġi sospiża. Huwa umilment sottomess li ma hemm xejn fis-sewqan tal-esponenti li jista' jitqies li jissodisfa xi wieħed minn dawn iż-żewġ rekwiżiti.

U, irrispettivament mill-konsegwenzi li sofra Hannaford, id-diżattenzjoni li tista' tiġi inkulpata lill-esponenti lanqas ma timmerita l-piena pekunjarja fl-ammont stabbilit mill-Ewwel Onorabbli Qorti.
Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Ġunju, 2023, kif ukoll l-atti kollha ta' din il-kawża.

Semgħet trattazzjonijiet tal-partijiet

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament ħażin tal-provi mill-Ewwel Qorti. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**[1] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) intqal:

> *'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel*

---

[1] Tal-21 t'April 2005.

Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li:

*Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez*** *u* ***r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** *decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003,* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak*** *deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003,* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed*** *deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002,* ***ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino*** *deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u* ***r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt*** *deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).*

*Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċizjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kinitx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-

[2] U dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali mressqin quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali mressqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieh fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti mbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Ikkunsidrat:

**PS 698 Shaun Tabone**[4] xehed permezz ta' affidavit fejn qal li nhar it-3 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tal-11:00 kienet daħlet telefonata l-Għassa tar-Rabat minn persuna anonima li kienet irrappurtat ħabta f'salib it-toroq ta' Triq Gedrin, Rabat u kien weġġa' persuna bil-mutur. Kienet issejħet ambulanza u hu flimkien ma' PC1365 mar fuq il-post fejn sabu persuna mixħuta fl-art li rriżulta li kien Jonathan Hannaford li kien qed isuq mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni BCO115 tal-għamla Yamaha YS125-5C. Fuq il-post kien hemm vettura oħra tal-għamla Isuzu Rodeo bin-numru tar-reġistrazzjoni ABX915 li kienet qed tiġi misjuqa minn Jimmy Piscopo u ċioe' l-appellant. Meta kien ġie mistoqsi dwar l-inċident, dan tal-aħħar qal hekk: *'Jien ma ghandix idea minn fejn gie. Li naf li jiena kont qed insuq niezel l-isfel fi Triq Dawwara Tomba ghax kont gej mill-isptar u f'daqqa' wahda smajt hoss u quddiemi nara mutur bix-xufier u waqa mil-art. Imbghad inzilt*

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004**; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; Il**-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Fol. 4 et seq tal-proċess.

*mill-vettura u sibt il-hsara fil-parti ta' quddiem tal-vettura tieghi.'* Minn investigazzjoni li rriżultat minn fuq il-post, Piscopo kien kien qiegħed isuq bi dritt minn Triq Dawwara Tomba u Hannaford kien ġej minn Triq Kerċem u kif iż-żewġ vetturi waslu f'salib it-toroq, ħabtu ġo xulxin bil-konsegwenza li x-xufier tal-mutur spiċċa mal-art. Il-vettura ABX915 ġarrbet ħsarat fil-bumper ta' quddiem, filwaqt li l-mutur BCO115 ġarrab ħsarat fuq iż-żewġ naħat. Kien irriżulta li Hannaford ġarrab ġrieħi ta' natura gravi u dan għaliex kellu ksur f'saqajh il-leminija. Hannaford kien qallu: *'Jiena kont qed insuq il-mutur hiereg minn ta' Kercem u ftit qabel l-accident jiena nzilt minn fuq il-mutur u ergajt irkibt u kif wasalt fit-tarf tat-triq, jiena waqaft, Harist sew u bdejt hiereg bil-mod izda f'daqqa wahda gie tal-vettura l-ohra minn Triq Dawwara Tomba b'velocita' b'sahhitha u dan baqa' gej ghal fuqi w tajjarni.'* Spjega li l-**i**sketch esebit mhux *up to scale* u ċ-ċirku li tidher quddiem iż-żewġ vetturi li tgħaqqad iż-żewġ sinjali tal-manuvri tal-vetturi hija l-***i**spot of impact* fejn jaħsbu li ġara l-impatt bejn iż-żewġ vetturi.

**Dr Jonathan Zammit**[5] xehed permezz ta' affidavit datat is-7 ta' April, 2021 fejn qal li kien eżamina lill-*parte civile* Jonathan Hannaford nhar it-3 ta' Jannar, 2020 u li kien sab li kien qiegħed isofri minn grieħi ta' natura gravi.

**Jonathan Hannaford**[6] xehed nhar id-29 ta' Novembru, 2021 fejn qal li hu kien għaddej tiela' lejn Pjazza Savina, waqaf fuq l-istop, ħareġ mar-*roundabout* u kif ħareġ mar-*roundabout* u għaddej madwar ir-*roundabout*, għadda l-appellant u baqa' għaddej minn fuq ir-*roundabout.* Huwa qal li hemmhekk kulhadd hekk jagħmel. Din ir-*roundabout* qegħda fejn il-ħanut bl-isem Mehrież. Hu spjega li ħa daqqa', waqa' mal-art u ttieħed l-isptar. Konsegwentement ġarrab ksur f'saqajh u kien għadu għaddej bil-kumplikazzjonijiet. Hu sostna li ġara dan kollu nhar it-3 ta' Jannar, 2021 f'xi 10:30 fejn hu kien qiegħed isuq Yamaha YS 125 u l-appellant kellu pick-up.

In kontro-eżami qal li kien ġej minn Kerċem u l-appellant kien ġej min-naħa tal-Oratorju. Ikkonferma illi l-appellant kien ġej minn fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. Hu jgħid li hu waqaf fil-*give-way,* waqaf, ħareġ u kif wasal mar-*roundabout* sema' l-ħoss

[5] Fol. 12 tal-proċess.
[6] Fol. 18 tal-proċess.

tiegħu ġej *gas down*, ħares lejn l-appellant għax ġew wiċċ imb'wiċċ u tah daqqa'. Wara li tah id-daqqa', it-truck tal-appellant baqa' sejjer kważi fejn il-petshop, imbagħad l-appellant irriversja wara. Meta ġara dan kollu hu kien mal-art. Qal li kien hemm xi nies li bdew jgħajjtu.

**Josef Schembri**[7] xehed nhar is-6 ta' Mejju, 2022 in rappreżentanza tal-Uffiċċju tal-Liċenzji fejn qal illi nhar it-3 ta' Jannar 2021, il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABX 915 kienet f'isem Jimmy Piscopo u ċioe' l-appellant.

**Dr Edward Cherubino**[8] xehed nhar it-28 ta' Ġunju, 2022 fejn qal li kien eżamina lil Jonathan Hannaford fejn minħabba l-inċident kien sofra minn ksur fl-irkoppa tal-lemin. Dan qal li dawn huma ġrieħi ta' natura gravi u rkopptu tal-lemin kienet iktar minfuha minn dik tax-xellug u dan minħabba t-trauma. Hu kkonferma r-rapport tiegħu bil-ġurament.

In kontro-eżami hu jgħid li eżamina lill-parti leża darba biss. Hu ra n-noti kollha tal-file tal-inċident u ma kien hemm imkien imniżżel li kellu xi uġigħ fl-irkoppa tal-lemin preċedentement. Spjega li dan it-tip ta' ksur ifieq f'sitt ġimgħat iżda meta wieħed ikollu ksur fl-irkoppa jew ġog kbir, dan għaf ikollu r-riperkussjonijiet.

**L-appellant Jimmy Piscopo**[9] xehed nhar it-13 ta' Ottubru, 2022 fejn qal li hu kien nieżel minn fejn l-Oratorju ta' Don Bosco direzzjoni lejn l-Għarb. Spjega li ma waqafx mija fil-mija imma naqqas ħafna. Għadda r-*roundabout* u x'ħin ġie biex jaqbeż in-naħa l-oħra hemm *zebra crossing* fejn il-*pet shop* u kien hemm mara b'żewġt itfal fuq il-bankina. Hu naqqas il-veloċita' sabiex jara kinitx ser taqsam, kważi waqaf u x'ħin reħa l-clutch biex jitlaq peress li kien fin-nofs, il-mutur tar quddiemu. Il-mutur kien għaddej minn quddiemu u x'ħin reħa l-clutch tajjarlu n-numru tar-reġistrazzjoni u baqa' sejjer jaħbat faċċata. Il-mutur kien ġej mid-direzzjoni ta' Kerċem u hu kien qabiżha r-*roundabout*. Mistoqsi jekk il-mutur ġiex min-naħa tax-xellug tiegħu hu wieġeb fl-affermattiv. Jgħid li hu laqat lil tal-mutur kemm, kemm bi żbrixx tant li qas

[7] Fol. 27 et seq tal-proċess.
[8] Fol. 38 et seq tal-proċess.
[9] Fol. 61 et seq tal-proċess.

induna li laqtu, baqa' għaddej u tal-mutur ħabat faċċata mhux mat-trakk. Sostna li tal-mutur ħabat ma' kanna fil-kantuniera fejn hemm ħanut.

In kontro-eżami jgħid li ma waqafx totalment qabel ir-*roundabout* imbagħad waqaf ftit iżda baqa' jitħarrek sabiex jara jekk xi nies kienux ser jaqsmu minn fuq iż-*zebra crossing.* Mistoqsi mill-Ewwel Qorti jekk hu baqax ħiereg u baqa' għaddej, l-appellant innega dan. Hu sostna li qas sinjali ta' *breaks* ma hemm u li hu baqa' ħiereg bil-mod, ma kien hemm ħadd, mexa sa kważi ż-*zebra crossing*, x'ħin ra li kien hemm mara ma qasmitx reġa' għafas il-gas. Meta hu għafas il-gas, il-mutur għadda minn quddiemu. Hu sostna li l-mutur għadda minn quddiemu fejn hemm il-marka tat-*tyres* mal-art. Jgħid li hu ma għaddiex minn fuq iż-żebgħa tar-*roundabout* iżda dar magħha. Hu jgħid li l-pożizzjoni tal-vettura tiegħu kienet kif kienet għaliex mexa għax ma kienx induna li ħabat miegħu. Sostna li ma għaddiex minn fuq ir-*roundabout* għax kien hemm karozza oħra ġejja mill-Għarb għaddejja kontra u kieku kien jaħbat magħha. Jghid li hu ma baqax għaddej u malli ra l-mutur waqaf. Mistoqsi jekk meta attirawlu l-attenzjoni n-nies il-vettura tiegħu kienet iktar il-fuq u hu rriversja għall-pożizzjoni fejn hu stess ħa r-ritratt, jgħid li mhux minnu. Spjega li malli reħa l-clutch, huwa ra xi ħaga quddiemu u ħasdu maġenbu u rah fl-art mal-bankina. Hu jgħid li l-karozza tiegħu waqfet fejn tidher fir-ritratt ma tħarkitx. Il-mutur rah quddiemu l-ewwel darba iżda dak il-ħin ma kkonoxxiex li hu mutur quddiemu.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hija rinfaċċata b'verżjonijiet drastikament opposti f'dan il-każ. Il-parti leża u ċioe' Jonathan Hannaford qiegħed isostni illi l-appellant baqa' għaddej minn fuq ir-roundabout u laqtu bil-vettura tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-appellant qiegħed isostni illi huwa waqaf kważi għal kollox mar-*roundabout* sabiex jara x'kienu ser jagħmlu xi nies li kien hemm fuq iż-*zebra crossing*, faċċata iżda meta reġa' ġie biex isuq il-mutur tar minn quddiemu. Kif ġie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti stess, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. In oltre,

kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija vs. James Abela</u>**[10] jistgħu matul il-proċess irriżultaw ċerti provi indizjarji jew "*circumstantial evidence*" li joħolqu ċerti "*presumptions of fact*" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilħaq il-grad tal-probabbilta' jistgħu anki jwasslu għall-ħtija tas-sewwieq.

Il-Qorti għalhekk fliet bir-reqqa l-evidenza kollha miġjuba quddiemha, b'mod partikolari x-xhieda, l-iskizz magħmul mill-pulizija u anke r-ritratti esebiti mill-appellant stess. Illi kull xufier ta' vettura għandu jeżerċita "*a proper lookout*" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiha. Illi hu dover ta' driver "*to see what is in plain view*" (App.Krim. **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Vella</u>**[11]) u li min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm "*a proper lookout*" (App.Krim. Il-**<u>Pulizija vs. J. M.Laferla</u>**[12]).

F'dan il-punt, din il-Qorti tħoss li huwa opportun li tagħmel referenza għal sentenza deċiża minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Michael Angelo Scerri</u>**[13] fejn gie ritenut hekk:

> *'Illi hu ovvju li l-appellant ma żammx proper lookout għax kieku ħares tajjeb 'il quddiem u ċioe' ħares lejn il-mera, kien żgur jara l-mutur ġej lejh.* ***<u>Dan il-mutur ma waqax mis-sħab jew immaterjalizza fit-triq proprju kif hu kien qiegħed idur lejn il-lemin. Bil-fors li kien viżibbli għal ċertu intervall. Bil-fatt li l-appellant jibqa` jinsisti li hu f'ebda ħin qabel ma kien ra l-mutur, qed jinkrimina ruħu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.</u>***
>
> *Illi l-appellant ukoll jipprova jispjega li l-motoċiklista kien ġej isuq bi speed eċċessiv anki kieku dan kien minnu dan ma jeżonerax lill-appellant mir-responsabbilta' kriminali għall-akkadut. Dan għaliex f'sede kriminali kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu*

---

[10] Deċiz nhar il-11 ta' Lulju, 2002.
[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Awwissu 1963.
[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Ġunju 1961.
[13] Deċiża nhar il-25 ta' Jannar, 2023.

*indipendentement minn dak li jagħmel sewwieq ieħor, ammenoche' dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklużivament tort da parti tas-sewwieq l-ieħor (Ara Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri**[14]; **Il-Pulizija vs. John Polidano**;[15] **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud**[16]" u oħrajn.). Fi kliem ieħor, il-"contributory negligence" ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru. (App.Krim. **Il-Pulizija, vs. P. Vassallo**[17])'*

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd. (1968),** il-Qrati Ingliżi kienu rritenew li:

> *"**Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity.** A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

L-appellant xehed illi l-mutur rah l-ewwel darba quddiemu u dak il-ħin ma kkonoxxiex li hu mutur quddiemu. Għalhekk minkejja li hu jgħid li hu waqaf sabiex jara n-nies ta' fuq iż-*zebra crossing* kienux ser jaqsmu, żgur ma kellux *proper lookout* u dan għaliex hu stess qiegħed jgħid li l-mutur rah l-ewwel darba quddiemu. Kif ġie argumentat fis-sentenza suċitata, dan il-mutur ma tfaċċax mix-xejn u għaldaqstant din il-Qorti iktar tikkonferma li l-appellant ma kellux *a proper lookout.*

Din il-Qorti żżid tgħid li l-verżjoni tal-parti leża hija aktar attendibbli minn dik tal-appellant. B'mod speċjali din il-Qorti temmen illi hija inverosimili li l-appellant waqaf fejn indika l-ittra 'X' fuq Dok AB1 sabiex jara x'kienu ser jagħmlu n-nies ta' ħdejn iż-*zebra crossing*. Dok AB2 juri biċ-ċar li din il-pożizzjoni mhux daqsekk viċina miż-zebra crossing u għalhekk huwa inverosimili wkoll li l-appellant kważi waqaf għal kollox

---

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Marzu 1961.
[15] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 1963.
[16] Kollez.Vol.XXXVIII;,iv.p.1131.
[17] Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883.

f'nofs *roundabout* sabiex jara x'kienu ser jagħmlu n-nies ta' ħdejn iż-zebra crossing li ma kinitx daqstant viċina.

Dwar it-tieni imputazzjoni jirriżulta li l-appellant ġie akkużat talli involontarjament u b'nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jonathan Hannaford. Jirriżulta kif spjegat aktar 'il fuq li l-inċident in deżamina seħħ tort tal-appellant. Illi bħala riżultat ta' dan l-inċident il-kwerelant Hannaford sofra xi ksur f'saqajh kif konfermat mit-tabib Dr Jonathan Zammit fl-affidavit tiegħu esebit fl-atti, kif ukoll mir-rapport ta' Dr Edward Cherubino li kien maħtur mill-Ewwel Qorti sabiex jeżamina lill-appellant. Illi d-difiża fl-ebda stadju ma ppruvat tikkontradiċi dak mistqarr mit-tobba u għalhekk tali akkuża wkoll tirriżulta ben provata kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti. Għar-raġunijiet kollha suesposti l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qiegħed jiġi respint.

Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellant qiegħed jargumenta illi l-piena mposta fuqu hija ħarxa żżejjed. Oltre minn hekk, u bla preġudizzju għall-aggravju preċedenti, l-appellant qiegħed jgħid li s-sewqan tiegħu ma kienx bi traskuraġni kbira jew perikoluż iżda forsi ftit negliġenti.

L-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Alfred Mifsud</u>** deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

> *"**<u>Sewqan traskurat</u>** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament*

*jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji*

***__Sewqan perikoluz__*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***__The Police vs Charlotte Chamberlain__****, Appell Kriminali, 21/5/96)"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Kevin Caruana__** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' April, 2003 ġie ritenut hekk:

*'Illi gie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negligenti; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" (App. Krim.* ***__Pol. vs. Charles Bartolo__****, 14.3.59;* ***__Pul vs. Wilson__****, Vol. XXXIX, p.1018;* ***__Pul. vs. Alfred Vella__****, Vol. XLIV, p. 933 u ohrajn) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom - l-aghar is-sewqan perikoluz (App. Krim.* ***__Pol. vs. Hardingham__****, 19.10.63). Illi ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim.* ***__Pol. vs. Charles Farrugia__****, Vol. XXXIX, p.1018). "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. "* ***__Pul vs. Joseph Aqulina__****" 20.4.63) Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***__Pul. vs. Antonio Spiteri__****, Vol. XLIV. p.892) Sewqan negligenti ifisser*

*nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***<u>Pul. vs. Antonio Spiteri</u>****, Vol. XLIV. p.892)'*

Illi din il-Qorti temmen li l-appellant mhux biss ma kellux *a proper lookout* iżda li baqa' għaddej minn fuq ir-*roundabout* u b'din il-manuvra li għamel hu ħa riskju li ma kellux jieħu minħabba l-probabbilta' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif fil-fatt ġara. Għalhekk is-sewqan tal-appellant kien ta' riskju għal terzi, b'mod partikolari tal-parti leża Jonathan Hannaford u l-proprjeta' tiegħu. Għaldaqstant, l-ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li s-sewqan tal-appellant kien jammonta għal sewqan traskurat, perikoluż u b'nuqqas ta' attenzjoni u dan wara li l-istess Qorti, kienet kif del resto għamlet din l-istess Qorti, eżaminat il-provi kollha akkweżiti.

Fir-rigward tal-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa principju ormai stabbilit li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 ta' Awwissu 2005:

*'It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This*

*court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."*

*Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.'*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ogħla minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieg li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew

miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun ogħla minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

L-Artikolu 226(1)(b) li l-appellant ġie akkużat bih iġorr il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). L-Artikolu 15(1) Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-appellant ukoll ġie akkużat bih jipprovdi illi min ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena. In oltre, il-prosekuzzjoni talbet ukoll għall-iskwalifika tal-liċenzja tal-appellant ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

> *'Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta'mhux anqas minn sena.'*

L-Ewwel Qorti mmultat lill-appellant multa ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur. Għaldaqstant jirriżulta b'mod ċar illi s-sentenza imposta hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u saħansitra hija waħda li tersaq lejn il-minimu. Għal dawn ir-raġunijiet suċitati, it-tieni aggravju tal-appellant ukoll qed jiġi miċħud.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qegħda tiċħad l-aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard
**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur